MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 10/2020

Il-Ħamis, 27 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

### 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 9/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

10.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

10.2.3 Ma kienx hemm korrezzjoni għall-minuti.

10.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 10.3 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2019

10.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-*Financial Statements* għas-sena 2019. Il-Kunsill spiċċa is-sena 2019 bi telf ta' madwar €23,500, u bi żbilanċ akkumulat ta' madwar €55,600. Dawn il-*Financial Statements* ġew ippreparati mill-*Accountant* tal-Kunsill.

10.3.2 Wara spjegazzjoni dettaljata mill-*Accountant* innifsu, l-*Financial Statements* għas-sena 2019 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

10.3.3 Is-Sindku qabel ma' l-*Accountant* li importanti li l-Kunsill jibqa' miexi f'din id-direzzjoni ħalli d-dejn jispiċċa kemm jista' jkun malajr.

## 10.4 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2020

10.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2020, li ġew ppreżentati waqt il-laqgħa annwali li saret l-Erbgħa, 22 ta' Jannar 2020.

10.4.2 Dawn ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 10.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.5.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni l-Minuti tal-Laqgħa Annwali li saret nhar l-Erbgħa, 22 ta' Jannar 2020. Ma' kienx hemm korrezzjonijiet. Dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

10.5.2 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li saret laqgħa mad-Direttur ta' l-FSWS Għawdex, Mons. Joe Vella Gauci, dwar il-possibilita' li jintuża uffiċċju minn tagħhom minn ħaddiema tal-Kunsill, is-Sinjura Micheline Cutajar. Hu tenna li l-amministrazzjoni aċċettat bil-qalb kollha din l-istedina u offrew li jintuża spazju fil-binja tagħhom bla spejjeż. Fil-ġranet li ġejjin ser isir *Memorandum of Understanding*. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sindku kompla li l-Kunsill irċieva ukoll l-boroż għaż-żibel orġaniku u hekk ir-residenti ta' Marsalforn jistgħu jiġbruhom minn dan l-uffiċċju. Is-Sindku ssuġġerixxa li din tibda taħdem erbat ijiem fil-ġimgħa. Kien hemm qbil minn dawk preżenti. Se tintbagħat talba formali lid-Dipartiment.

10.5.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li tħawwlu xi pjanti fil-qsari li kien hemm vojta fi Pjazza l-Assunta, iż-Żebbuġ.

10.5.4 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li reġgħu avviċinawh xi membri tal-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ fuq bidu ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa' jikkuntattja lill-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ.

10.5.5 Is-Sindku informa lil dawk li se jibda eżerċizzju biex jinbidlu xi tabelli tat-traffiku ġewwa ż-Żebbuġ u ġewwa Marsalforn qabel jibda' l-istaġun tas-Sajf. Kien hemm qbil.

10.5.6 Is-Sindku semma l-oġġezzjoni li għamel l-Kunsill għall-applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq Dun Karm Cachia. Hu informa li din l-applikazzjoni ġiet rifjutata mill-PA.

10.5.7 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li twaħħlu l-arbli li fuqhom se jiġu nstallati ż-żewġ sistemi ta' CCTV, faċċata ta' żewġ *bring-in sites* f'Marsalforn. Fil-jiem li ġejjin il-Kunsill se jkun qed jitfa' l-applikazzjoni għall-*meters* ġodda ma' l-Enemalta. Hu fakkar li dan il-proġett se jsir taħt l-iskema tal-LESA. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

10.5.8 Hu informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar xi bandli miksurin, u dislivellar ta' madum fil-*playingfield* tal-Qbajjar Promenade. Kien hemm qbil li tintbagħat talba lil Ministeru għal Għawdex. Is-Sur Baskal Saliba talab li jiġi ċċekjat ukoll il-bandli taż-Żebbuġ ħabba l-periklu u s-sadid. Is-Sindku ssuġġerrixxa li sakemm joħroġ it-tender u jibdew ix-xogħlijiet, issir laqgħa mal-Perit fuq il-post u jitneħħew dawk il-bandli perikolużi.

10.5.9 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ressaq talba quddiem il-membri preżenti mill-Assistent Prinċipali tal-Kunsill Liliana Borg li hekk kif għaddiet sena oħra mill-ħidma tagħha f'dan il-grad titlob li tiżdied *increment* għal skala 11 *notch* 5 hekk kif stipulat fir-Regolamenti Dwar il-Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani). Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

10.5.10 Ġibed l-attenzjoni tal-membri preżenti għall-komunikazzjoni li rċieva l-Kunsill mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar *Memorandum of Understanding* bejn ir-Reġjun Għawdex u l-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali fejn Kunsilli Lokali jkunu jistgħu joffru kemm il-Berġa kif ukoll kamra oħra li sservi ta' Uffiċċju sabiex minnhom ikunu jistgħu jingħataw dawn is-servizzi f'ħinijiet differenti matul il-ġranet fil-Lokalità tagħkom. Is-Sindku qal ġewwa ż-Żebbuġ ġa għandna l-Berġa li tiftaħ u f'Marsalforn l-FSWS ġa għandhom l-uffiċċju.

10.5.11 Ġibed l-attenzjoni għall-komunikazzjoni li rċieva l-Kunsill mingħand l-Aġenzija Appoġġ dwar possibilitajiet ta' xogħol għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġa jimpjega persuna b'diżabilita'.

## 10.6 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti

10.6.1 ZGLC/01/2020 – *Service Tender for the Collection of Household Waste from the Locality of Iż-Żebbuġ and Marsalforn Gozo, in an Environmentally-Friendly Manner*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva offerta waħda. Skond ir-rapport tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni, l-bord irrakkomanda li dan jingħata lill-orħos offerent, li kien *technically compliant.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fl-offerta' kien hemm imdaħħlin ukoll l-eventwalita' li jsiru vjaġġi *extra* kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f'Marsalforn. Dawk preżenti qabblu mar-rakkomandazzjoni tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni.

*LTLM - €63,670*

10.6.2 ZGLC/02/2020 – *Works Tender for the Restoration of Rubble Walls at Triq tas-Saġħtrija, Żebbuġ, Gozo*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva offerta waħda. Skond ir-rapport tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni, l-istess bord irrakkomanda li dan it-tender ma jingħatax minħabba l-fatt li jaqbeż l-budget b'190%. Is-Sindku wieġeb li se jitkellem mal-Perit tal-Kunsill, u filkas jaqa' t-tender u jerġa' joħroġ. Kien hemm qbil minn dawk preżenti. Is-Sur Daniel Cordina staqsa jekk nistgħux nużaw l-iskema tal-ħitan tas-sejjiegħ fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil ukoll li nibgħatu t-talbiet dwar il-ħitan tas-sejjiegħ imwaqqgħin fir-raħal lis-Sur Charles Spiteri tal-Ministeru u anki nibgħatulu *reminder* fuq il-blat perikoluż ta' Triq ix-Xwejni.

*LITTLE ROCK QUARRY LTD - €80,257.62*

## 10.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.7.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet aġġornament fuq il-Fondi LESA. Is-Sindku wieġeb li din il-materja ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.
- Talbet aġġornament fuq l-iskema tal-Libreriji. Is-Segretarju

Eżekuttiv wieġeb li nġabru l-istejjem meħtieġa u fil-jiem li ġejjin se jżur il-Librerija. Fakkar li jrid jinstab għalliem ħabba l-korsijiet fl-IT.

- Irreferiet għal-periklu li hemm fi Triq is-Sagħtrija. Hi tenniet li it-triq qed taqa' u għandha bżonn manutenzjoni mill-aktar fis possibli. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu lil Perit jiċċekkja. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sur Daniel Cordina qal jistax isir xi sign jew barrier.
- Infurmat lil dawk preżenti li hemm tappiera tħabbat fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu lill-ħaddiem u jpoġġi ftit lasktu. Kien hemm qbil dwar dan.
- Infurmat lil dawk preżenti minħabba periklu ta' diżlivellar ta' madum fil-promenade tal-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li din il-materja ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.
- Talbet biex isir xi ħaga biex il-bajja ta' Ħdejn il-Qolla l-Bajda (Ħdejn it-Torri) biex jiġi evitat periklu għall-għawwiema bid-diversi dgħajjes li jidħlu viċin il-kosta. Issuġġeriet biex fis-sajf jitpoġġew bagi biex jindikaw sa fejn għandhom jidħlu d-dgħajjes. Is-Sindku wieġeb li żmien ilu l-Kunsill kien ġa għamel din it-talba. Kien hemm qbil li nerġgħu nibgħatu *reminder.*
- Talbet aġġornament fuq ix-xogħol fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku wieġeb li fadal biss l-aħħar parti ta' fuq biex titqaxxar u tingħata t-tarmac. Hu żied li kkuntattja lill-kuntrattur u nfurmah li sa tlett ġimgħat oħra ilesti x-xogħlijiet.
- Talbet aġġornament fuq il-Latrina tax-Xwejni. Is-Sindku wieġeb biex nagħfsu fuq il-ħaddiema biex ikomplu x-xogħol biex inlestu kemm jista' jkun malajr.
- Talbet aġġornament fuq il-periklu tal-*boathouses* fix-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.
- Talbet aġġornament fuq il-problema ta' l-ilma fi Triq il-Qbajjar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kellu informazzjoni li f'nofs Jannar għal xi raġuni l-ilma waqaf. Informa lill-Inġinier tal-*Water Services*. Hu kompla li issa l-ilma reġa' beda ħiereġ. Is-Sur Daniel Cordina qal li meta jkun massa ta' nies, l-ilma qed jiżdied. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jibgħat bl-Avukat, la darba ħadd ma' jrid jerfa' r-responsabbilita'. Is-Sur Daniel Cordina wieġeb li l-Kunsill, f'din l-affari xogħolu hu biss legalment. Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini qalet li l-problema ilha għaddejja u rridu nżommu quddiem għajnejna l-periklu u s-

sigurta' tas-sewwieqa. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex tintbagħat ittra bl-Avukat.

- Talbet aġġornament fuq it-Tender tal-Playingfield taż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li għadna nistennew mingħand il-Perit tal-Kunsill.
- Talbet aġġornament fuq it-Tender tal-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ntbagħtet l-*award letter* fil-bidu ta' Jannar u sa issa l-kuntrattur għadu ma' ġabx id-dokumenti meħtieġa biex il-Kunsill ikun jista' jiffirma l-kuntratt. Ġie kkuntattjat kemm il-darba imma għadu ma baghat xejn. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat *ultimatum* bil-miktub u jekk ma' jiġri xejn jitwaqqa' t-tender.
- Talbet aġġornament fuq il-possibilita' li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma jitħallsu mill-uffċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bagħat email lil AKL li l-Kunsill għadu interessat imma għadu bla risposta.
- Ipproponiet biex isiru *bollards* quddiem il-Ġnien Sagħtrija minħabba l-fatt li qed jipparkjaw quddiem il-monument. Kien hemm qbil minn dawk preżenti. Talbet aġġornament ukoll fuq is-siġar / pjanti li kellhom jitwaħħlu f'dan il-ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kien applika s-sena li għaddiet u sa llum għadu ma rċiviehx risposta.

10.7.2 Il-Kunsillier s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Staqsa jekk issa li nbidel il-Ministeru għal Għawdex, l-iskema ta' tranġar ta' toroq se tibqa' taħdem? Is-Sindku wieġeb li hekk suppost, imma sa llum ma' kellna ebda risposta. Staqsa jekk kienx hemm xi kuntatt mal-Ministru l-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill bagħat *emails* ta' ringrazzjament u awguri lil Ministri rispettivi. Is-Sur Daniel Cordina stqarr li jemmen li l-Kunsill għandu jagħmel talba li la darba Triq Għajn Mhelhel issa kważi lesta, l-Kunsill jagħti prijorita' Triq il-Qbajjar u Triq Santa Marija. Is-Sinjura Sandra Grech wieġbet li l-Ministru ġa jaf li dawn it-toroq huma importanti. Il-Viċi Sindku wieġbet li din tkun bħala *reminder*.
- Talab aġġornament fuq il-*gazebos* fil-Promenade tal-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li qed jieħdu ħsiebhom il-ħaddiema tal-Ministeru.
- Talab biex jiżdied aktar dawl ħdejn razzett fi Triq il-Wied

f'Marsalforn. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu talba lil Ministeru.

- Talab li issir talba lil Ministeru għal Għawdex biex igħin lil Kunsill fil-ħsarat tal-bozoz fi Triq Santa Marija, wara li l-Kunsill ma' rċeviex l-għajnuna li kellu jirċievi mid-Dipartiment. Kien hemm qbil.

10.7.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Talbet aġġornament fuq iż-*zebra crossing* fi Triq il-Qbajjar Marsalforn. Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-i*stage* tal-*bus stop* se titmexxa madwar għaxar piedi l'fuq u ż-*zebra crossing* se tiġi fejn konna ftemna. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sindku talab li nibgħatu aġġornament lil Transport Malta.
- Infurmat lil dawk preżenti li m'hemmx ilma fejn hemm il-papri fil-Wied ta' Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li ġa bgħatna bowser ilma. Talab biex nerġgħu nibgħatu bowser ilma ieħor. Kien hemm qbil.
- Infurmat li fi Triq il-Wied ġewwa Marsalfron il-karozzi qed jgħaddu sparati, u qed ikunu ta' periklu għan-nies li jkunu qed jippassiġġaw. Is-Sindku wieġeb li kienet saret talba biex tingħalaq għal xi ħin u ma ġietx aċċettata. Is-Sur Daniel Cordina wieġeb li għandna nippersistu u nagħmlu talba oħra. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa' jibgħat talba lil Transport Malta.
- Infurmat lil dawk preżenti li hemm bandla miksura fil-Ġnien Tlett Għoljiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill bagħat kemm il-talba u kellem dirett lid-Direttur ta' Eko Għawdex.
- Talbet aġġornament fuq il-bank miksur fi Triq il-Port. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li billi ma' jaqax taħt il-Kunsill Lokali, il-Kunsill għamel talba lil Minsteru għal Għawdex biex jitneħħa.
- Infurmat lil Kunsill li Triq Ħabel it-Twil għandha bżonn il-*patching*. Is-Sindku wieġeb li parti minnha kienet saret bil-konkons. Il-parti l-oħra ma saritx għax kien hemm xi problema bil-main ta' l-ilma għal xi garaxxijiet. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu talba lil Ministeru għal Għawdex biex ituna l-konkons u x-xogħol isir bil-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.
- Reġgħet fakkret lil Kunsill biex jiċċekkja l-*patching* fi Triq il-Qbajjar. Is-Sur Daniel Cordina qal li kieku l-Kunsill għandu l-

 għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex fuq il-*patching*, kieku l-Kunsill m'għandux din il-problema kbira ta' dejn.

- Infurmat li hemm karozza mitluqa b'xi tlett kontravenzjonijiet u *puncture* fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li l-Pulizijia għandha tieħu azzjoni. Wieġbet li l-Pulizija ġa jafu.
- Xtaqet tirringrazzja lil Ministru għal Għawdex fuq ix-xogħlijiet li bdew u mexjin fil-Menqa ġewwa Marsalforn.
- Issuġġeriet xi tħawwil ta' pjanti fir-roundabout fi Triq il-Qbajjar k/m Triq il-Qolla s-Safra. Is-Sindku wieġeb li għandna talba lil Ministeru għal Għawdex jew lil ELC.

10.7.4 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Talab biex issir kaxxa *Loading / Unloading* quddiem ir-restorant *The View* fi Pjazza l-Assunta ż-Żebbuġ. Hu qal li hemm *bus stop* u xorta qed jipparkjaw quddiem ir-restorant. Wara diskussjoni kien hemm qbil biex għalissa din it-talba tkun *on hold*.
- Talab biex issir *safety bar* fuq il-bankina ħdejn il-klabb tal-futbol. Is-Sindku wieġeb li għandha ssir pjanċa tal-ħadid. Kien hemm qbil li jinġabru l-istejjem.
- Talab biex isiru xi *floodlights* fir-*roundabout* fi Triq ir-Rabat, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu talba lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.
- Informa lil dawk preżenti taħt it-Triq Għar Qawqla qed iċedi. Is-Sindku wieġeb biex nikellmu mal-Perit tal-Kunsill biex naraw din it-triq hix ta' periklu għan-nies u nagħmlu talba lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.
- Talab biex issir kaxxa *Loading / Unloading* ħdejn il-klabb tal-futbol fi Triq Mons. Ġużeppi Depiro. Hu qal li l-karozza qed jipparkjaw quddiem il-ħanut speċjalment waqt il-ħinijiet ta' l-iskola u tar-restorant ma' jkunx jista' jdaħħal ix-xogħol. Wara diskussjoni, kien hemm qbil biex issir din il-kaxxa.

## 10.8 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

10.8.1 Korrispondenza NCPE – Konferenza NCPE – 4 ta' Marzu 2020 – Jum Internazzjonali tal-Mara. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.2 Ċirkulari AKL 2020/008 – Sezzjoni ta' taħriġ fuq l-Evalwazzjoni ta'

Tenders 01/04/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.3 Ċirkulari AKL 2020/009 – Tqassim ta' Borża Organika mill-WasteServ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.4 Ċirkulari AKL 2020/010 – *#EUSEW2020 Awards: Nominate Women in Energy*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.5 Ċirkulari AKL 2020/011 – *Invitation: "Women in Politics: overcoming the gender gap", 5 March 2020, Brussels, CoR, JDE 51*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.6 Ċirkulari AKL 2020/012 – *Malta Climate Change Townhall Style Meeting Fri 28 February 2020, 12.00hrs* . Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.7 Ċirkulari AKL 2020/013 – *Young Elected Politicians: Call for application – 2020 YEP programme*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.8 Korrispondenza mingħand Is-Sur J. Caruana dwar *Seminar on Light Pollution – 17th of March in Valletta – Call for Registration.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.9 Ċirkulari AKL 2020/014 – Kalendarju t'Attivitajiet – AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.10 Korrispondenza mill-MCCAA – *Notification / Ban on herbicide use in specific areas.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.11 Ċirkulari DLG Nru *SPI/SCI/1/2020* – Korsijiet Lifelong Learning 2020.2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.12 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex – Provvediment ta' Servizzi Soċjali u tal-Familja fil-Lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.13 Korrispondenza mingħand Is-Sur M. Cremona mill-FSWS. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.14 Korrispondenza mingħand Dr M. Galea dwar Talba għal għajnuna f'riċerka akkademika. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.15 Korrispondenza mingħand Is-Sur F. Galea *obo* Euaffairs DLG dwar *ATTN: Save the Date: LIFE Information Session & Writers Workshop – 13th February 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.16 Korrispondenza mingħand Is-Sa. V. Veen dwar *Request for sponsorship for the new book about Gozo by dra Veronica Veen, and activities around it.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.17 Korrispondenza – Missio Fest 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.18 Korrispondenza mingħand Is-Sur C. Ricca mill-DLG Customer Care dwar CCN 80/20. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li tintbagħat talba lil Ministeru għal Għawdex.

10.8.19 Ilment Nru. 07/2020 – M. Sultana obo Joseph Debrincat
Titlob biex titbaxxa l-bankina għolja ħafna li hemm quddiem Bruka Flats, Triq il-Wied (in-naħa ta' Jessica Delights). Tixtieq illi qabel isir ix-xogħol tiġi avżata u tiltaqa' mal-kuntrattur. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex tiżdied mal-lista ta' bankini li jridu jsiru mit-tender tal-bankini.

10.8.20 Ilment Nru. 08/2020 – V. Sultana
Titlob biex isiru d-dwal fi Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ u Triq il-Qbajjar, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien diġa' għamel talba lil Ministeru għal Għawdex.

10.8.21 Ilment Nru. 09/2020 – G. Falzon
Jitlob biex isir *reserved parking* quddiem l-indirizz indikat. Kien hemm qbil biex tintbagħat talba lil Transport Malta.

10.8.22 Ilment Nru. 10/2020 – J. Azzopardi
Jitlob biex isiru metru *double yellow lines* fuq kull naħa tar-rampa li tinsab ħdejn Beehive Crt, Blk C, Triq tan-naħla, Marsalforn. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li tintagħat talba lil Transport Malta.

10.8.23 Ilment Nru. 11/2020 – J. Grima
Titlob biex jingħata s-servizz ta' *Free Wifi* ġol-librerija tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

10.8.24 Ilment Nru. 12/2020 – O. Bonello

Jitlob biex isir patching minn *Diamond Flats* sal-garaxxijiet ta' Mallia fi Triq Ħabel it-Twil, Marsalforn peress li t-triq fiha ħafna ħofor. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Ministeru għal Għawdex.

10.8.25 Ilment Nru. 13/2020 – L. Mintoff
Jitlob biex isir *tarmac* fi Triq Ħabel it-Twil, Marsalforn peress nofsha biss saret u qegħda tkun ta' nkonvenjent. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Ministeru għal Għawdex.

10.8.26 Ilment Nru. 15/2020 – C. Saliba
Jagħmel suġġeriment biex isiru *traffic management* għal kull min ikun ħiereġ mir-raħal. Talab ukoll biex issir tabella – *Minimum speed limit ta' 15km.* Is-Sur Baskal Saliba talab li jastjeni fuq dan l-ilment. Is-Sindku wieġeb li wara li ltaqa' mas-Sur C. Saliba nfurmah biex issir *dragon teeth* f'din il-parti tat-triq. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu aktar pressjoni fuq il-Perit tal-Kunsill.

10.8.27 Ilment Nru. 16/2020 – R. Cini
Titlob biex jitranġaw it-tappiera tal-water culvert ta' quddiem 49a, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u quddiem Fatima, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Żebbuġ għax qed iħabbtu u qed ikunu ta' nkonvenjent għar-residenti. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu lil ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmel ftit plastic/tyre biex jkomplux iħabbtu. Kien hemm qbil dwar dan.

10.8.28 Ilment Nru. 17/2020 – A. Attard
Jitlob biex issir mergħa fi Triq Wied l-Infern, fil-kantuniera qabel ir-*roundabout* li tieħdok għal Triq Wied l-Abjad. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu ukoll xi tip ta' *SLOW SIGN*. Il-Viċi-Sindku wieġbet li jkun għaqli ukoll li ssir mergħa f'nofs din it-Triq għax qed tkun ta' periklu. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex nibgħatu talba lil Transport Malta.

10.8.29 Ilment Nru. 18/2020 – Dar Stella Maris
Jitolbu biex titkompla l-bankina fil-faċċata tal-Belveder. Kien hemm qbill minn dawk preżenti biex tiżdied mal-lista' ta' bankini pendenti.

10.8.30 Ilment Nru. 19/2020 – R. Saliba
Jitlob biex issir bozza ġdida ma' arblu li diġa' hemm qabel in-niżla ta' taħt ix-xifer ġewwa Marsalforn. Kien hemm qbil dwar dan.

10.8.31 Ilment Nru. 20/2020 – A. Tabone
Tilmenta li minħabba li saret bankina ġdida faċċata tagħha, tablet biex isiru *double yellow lines* quddiem il-faċċata tagħha fi Triq Dun Franġisk Vella. Is-Sindku wieġeb li kulħadd għandu dritt għall-bankina quddiem tiegħu. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex nibgħatu għall-parir mingħand Transport Malta.

## 10.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

10.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 08/2019 għall-perjodu bejn it-18 ta' Jannar 2020 u l-21 ta' Frar 2020 li tammonta għal €50,221.65 ġiet approvata u ffirmata.

## 10.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għal-Ħamis 26 ta' Marzu 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 26 ta' Marzu 2020.

| | |
|---|---|
| *iffirmata* | *iffirmata* |
| Nicky Saliba | Neville Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |